**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 29 T' APRIL, 2002

**Numru: 20**

**Avviz Nru: 931/01 JB**

**Allcare Insurance Agency Limited ghan-nom ta' Middle Sea Insurance Plc**

**vs**

**Alfred Caruana**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm334.25c (tliet mija u erbgha u tletin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) ammont li jirrapprezenta l-bilanc mill-prezz ta' "premiums" u spejjez ancillari inkorsi dovuti fuq poloz t' assikurazzjoni mahruga fuq ordni u nkarigu tal-konvenut.

Bl-imghax mil-4 ta' Mejju 1998 u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Frar 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn il-konvenut ecepixxa, illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-susegwenti, l-konvenut m'huwiex il-legittimu kontradittur u dan ghaliex huwa qatt m'ghamel jew dahal f'xi ftehim mas-socjeta' attrici.

Illi s-somma mitluba mis-socjeta' attrici m'hijiex dovuta stante illi l-konvenut kien ta lis-socjeta' attrici 'prior notice' adegwat sabiex jittermina l-kuntratt t'assigurazzjoni.

Illi s-socjeta' attrici stess m'hijiex certa mis-somma dovuta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif permess mill-ligi.

Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti esibiti.

Ikkonsidra

L-eccezzjoni preliminari giet trattata essensivament miz-zewg partijiet. Ix-xhieda tal-konvenut u ta' Helen Caruana saret fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2002. It-talba ghall-assikurazzjoni kienet issir minn rapprezentat u/jew impjegat ta' DJS Company Limited. Kienu jintuzaw letter heads taghha fatturi u ricevuti jinhargu fuqha u l-pagamenti jsiru tramite cheques taghha. L-merkanzija w il-bini assikurat kien jappartjeni lilha.

Ix-xhieda ta' George Said – Chief Executive tas-socjeta' attrici, hija sinjifikanti. L-poloz u renewal notices tal-assikurazzjoni kienu jinhargu fuq D. Caruana on behalf of DJS Trading. Anki l-invoices u l-endorsement. Fl-24 t'April, 1998 saru jafu li kienet socjeta' kummercjali bhala Ltd.

Illi huwa nkoncepibli u sbaloritandi li l-proceduri odjerni gew istituiti kontra l-konvenut fil-kwalita tieghu personali meta s-socjeta' attrici kellha din l-informazzjoni kollha u disposizzjoni taghha u l-ufficjali taghha kienu jafu b'dan kollu. Pero' ghal raguni nspjegabbli li lanqas saret biss acenn fil-trattazzjoni tal-kaz, l-attur ghazel lil konvenut bhala l-parti opposta.

Illi l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut hija wahda ragunata u timmerita accettazjoni minn dan it-Tribunal.

Illi ghalhekk it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi fil-waqt li jilqa l-istess eccezzjoni preliminari jiddikjarah mhux il-legittimu kontradittur u tilliberah mill-osservanza tal-gustizzja.

**Dr Joseph Bonnici**

**Gudikatur**